**10 ta' Novembru, 1964**

**Imhallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

Michelina Borg

*versus*

Joseph Borg

**Separazzjoni personali — Kawżali — Motivi — Awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla — Adulterju — Art. 43-49, Kodiċi Ċivili.**

*Il-ġurisprudenza tal-Qorti tagħna tipppropendi lejn l-ammissjoni ta' talba għas-separazzjoni anki fuq motivi li ma kienux ġew dedotti quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.*

*L-awtorizzazzjoni tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni sabiex issir il-kawża għas-separazzjoni personali ma hix rikjesta meta konjugi jkun ġa separat legalment u jipproponi kawża oħra ta' separazzjoni kontra l-konjugi l-ieħor għal kawża diversa bażata*

*fuq fatti posterjuri.*

*Sabiex tiġi akkolta t-talba għas-separazzjoni personali huwa biżżejjed illi tirriżulta waħda biss mill-kawżalijiet għas-separazzjoni personali, purkè dik il-kawżali li tirriżulta tkun ta' gravità tali li tivvjola profondament il-konvivenza konjugali.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi — premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, billi l-konvenut irrenda ruħu ħati versu l-attriċi ta' adulterju, minaċċi, eċċessi, u inġurji gravi — talbet illi, għarraġunijiet fuq imsemmija u għal oħrajn li jirriżultaw waqt ittrattazzjoni tal-kawża: (1) tiġi minn din il-Qorti pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għall-ħtijiet imputabbli lill-istess konvenut, billi l-attriċi tiġi awtorizzata tgħix separatament mill-konvenut żewġha; (ii) il-konvenut jiġi dikjarat dekadut mid-drittijiet kontemplati fl-artikoli 56, 57 u 58 tal-Kodiċi Ċivili in kwantu huwa applikabbli għall-każ; (iii) tiġi dikjarata xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, billi, okkorrendo, l-attriċi tiġi awtorizzata tagħmel l-attijiet kollha tal-ħajja ċivili; (iv) tiġi affidata lill-attriċi l-kura u l-kustodja ta' l-ulied komuni minorenni Edward u Lourdes aħwa Borg imħabba fl-Imġieba tal-konvenut kif jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża, taħt dawk il-provvedimenti kollha li jidħrilha xierqa — salvi drittijiet oħra; bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-proċedura quddiem is-Sekond'Awla ta' dina l-Qorti;

Omissis.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha jgħid illi l-allegazzjonijiet ta' adulterju, minaċċi, eċċessi u inġurji gravi huma assolutament infondati fil-fatt u fid-dritt u s-separazzjoni personali mitluba mill-attriċi għandha tiġi miċħuda blispejjeż kontra tagħha;

Omissis.

Ikkunsidrat:

Li qabel xejn għandha tirrileva li fost motivi oħra kontemplati fil-liġi, l-attriċi qegħda titlob is-separazzjoni personali minn żewġha, għall-motiv l-aktar gravi, li huwa dak tal-adulterju. Li, fir-rikors quddiem is-Sekond'Awla, l-attriċi ma iddeduċietx dina l-kawżali (fol. 4). Għalhekk għandu jiġi eżaminat u riżolut il-kweżit, jekk, ċioè, tistax l-attriċi tponi bħala kawżali fl-att taċ-ċitazzjoni l-motiv tal-adulterju tal-konvenut, meta dana ma ġiex indikat fir-rikors li fuqu l-attriċi ġiet awtorizzata mis-Sekond'Awla ta' dina l-Qorti tistitwixxi dina l-kawża;

Ikkunsidrat:

Li skond l-art. 44(1) tal-Kodiċi Ċivili mhux permess lill-miżżewġin li jaġixxu kontra xulxin quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kontenzjuża, mingħajr ma tkun ġiet mogħtija lilhom is-seta' mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja. Ir-raġuni ta' dina d-dispożizzjoni tal-liġi tagħna "Si è di accertare che tutti i mezzi di riconciliazione siano stati inutilmente esauriti, e quindi prima che non consti dal decreto della Corte di Volontaria Giurisdizione, che tali mezzi di riconciliazione siano rimasti senza effetto, la domanda di separazione non è ammissibile". (Kollez. VIII, 791).

Li, fl-artikolu preċedenti (art. 43) il-liġi stabilit li dina l-firda ma tistax issir jekk mhux għal xi waħda mir-raġunijiet miġjubin fl-artikoli 45, 46. 37, 48, 49 tal-Kodiċi Ċivili, fosthom dik prominenti tal-adulterju.

Li a rigward tal-awtorizzazzjoni meħtieġa skond l-art. 44(1) Kod. Ċiv. jingħad li dina għandha tingħata dejjem meta

jirriżultaw, anki waħda mill-kawsalijiet kontemplati fl-artikoli fuq ċitati (Kollez. XXVI, ii, 110), meta l-kelma tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja għat-tiswija tal-partijiet ma tiġix mismugħa (art. 44(2) Kod. Ċiv). Dana jfisser li l-liġi tħares direttament għall-iskop li trid tasal bl-intervent tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, dak ċioè li tipprova tirrikonċilja l-miżżewġin kull meta jirriżultalha motiv serju ta' separazzjoni kontemplata fil-liġi.

Ikkunsidrat:

Li fil-każ in disamina l-attriċi ġiet awtorizzata tistitwixxi dina l-kawża għall-motivi kontemplati fl-art. 47 tal-Kodiċi Ċivili; u għalhekk għal dawk il-kawsalijiet l-attriċi hija ġustifikata titlob kif għamlet, is-separazzjoni; liema motivi ġagħlu lill-Qorti takkorda l-awtorizzazzjoni, li kienet tkun aktar u aktar, mogħtija kieku l-istess Qorti kellha quddiemha wkoll il-motiv tal-adulterju. Però kien ikun diversament kieku kif irriteniet dina l-Qorti (Kollez XXV, ii, 396, l-attriċi talbet li tistitwixxi dana l-ġudizzju fuq motiv ta' adulterju, imbagħad fil-kawża iddeduċiet motiv anqas gravi, għaliex f'dana l-każ il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, forsi kienet tiċħad l-awtorizzazzjoni u tasal aktar faċilment għal ravviċinament tal-miżżewġin "trattandosi di una causa di minorata gravezza".

Li, inoltri jidher li per principio, il-Ġurisprudenza tat-Tribunali tagħna tippropendi lejn l-ammissjoni ta' talba għas-separazzjoni anki fuq motivi li ma kienux ġew dedotti quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja (App. Ċiv. in re "Abela vs Abela" deċiż fid-19 ta' Ġunju, 1959).

Li, għalhekk dina l-Qorti hija tal-fehma li għandha tieħu in konsiderazzjoni anki l-motiv tal-adulterju, għalkemm dana ma ġiex miġjuba konjizzjoni tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja; u dana anki in vista tal-konsiderazzjoni li dina [illegible]

rizzazzjoni ma hix rikjesta meta konjugi jkun ġa separat legalment, u jipproponi kawża oħra ta' separazzjoni kontra l-konjugi l-ieħor għall-kawża diversa bażata fuq fatti posterjuri (Kollez. XXXVI, ii. 470).

Ikkunsidrat:

Li, l-attriċi qegħda timpervja l-kawża ta' separazzjoni prinċipalment fuq il-motiv ta' adulterju, kommess mill-konvenut żewġha ma Violet Azzopardi, meta kienet għadha minorenni.

Li, tant mix-xhieda tal-attriċi kif ukoll minn dik ta' Violet Azzopardi irriżulta li l-konvenut kellu diversi konġunġimenti karnali ma' dina x-xebba, li skond kif xehdet spiċċa biex kellha minnu tarbija (fol. 24). Irriżulta wkoll li missier dina t-tifla istitwixxa proċeduri Kriminali kontra l-konvenut għall-korruzzjoni ta' minorenni, li ġew imwaqqfa billi l-konvenut ħallas £100 lill-ġenituri tagħha.

Li kontra dina l-akkuża l-konvenut, allavolja imsejjaħ diversi drabi u f'seduti differenti, lanqas ma xehed. Għalhekk dina l-Qorti ħasset il-ħtieġa li teżamina d-depożizzjoni li kien ta l-konvenut fil-kawża li għaliha saret riferenza, biex tkun tista' tiċċerzjora ruħha dwar l-imputazzjoni tal-adulterju miġjuba mill-attriċi a kariku tiegħu. Preċiżament f'dik il-kawża l-konvenut a fol. 16 tal-proċess xehed hekk: "Jiena kont irċevejt ċitazzjoni Kriminali talli kont ikkommettejt atti ħżiena fuq tfajla minorenni l-Hamrun. Jiena ħallast mitt lira (£100) lil missier it-tfajla u l-kawża ma saritx. Jiena ma nafx li dina t-tfajla, Violet Azzopardi, kellha tarbija...... Dina t-tfajla kienet tiġi d-dar tiegħi biex iġġorli l-ħwejjeġ tal-ħasil u terġa' ġġibhomli".

Li anke minn dina d-depożizzjoni, tirriżulta ammessa mill-

konvenut l-imputazzjoni ta' adulterju; u għalhekk dina l-Qorti, ma tħossx li għandha tidħol fl-indaġini tal-kawżalijiet l-oħra, għax huwa biżżejjed li tirriżulta waħda biss mill-kawżalijiet elenkati mil-liġi għal separazzjoni personali, purkè dik il-kawżali li tirriżulta bħal dik tal-adulterju, tkun ta' gravità tali, li tivvolja profondament il-konvivenza konjugali (Kollez. XXXVII, ii, 693; XXXVIII, ii, 418).

Ikkunsidrat:

Li l-alimenti ma ġewx mitluba mill-attriċi la għaliha u anqas għal binha minuri, Edward li qiegħed magħha; dana evidentement ġara għaliex l-attriċi kienet ġa otteniet sentenza f'dana s-sens kontra żewġha, li ġiet pronunċjata minn dina l-Qorti fit-3 ta' Awissu, 1960 fil-kawża fl-ismijiet "Michelina Borg pro. et. noe. vs Joseph Borg".

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn l-attriċi u żewġha fuq il-motiv ta' adulterju, u tawtorizza lill-attriċi tgħix separata mill-konvenut; tilqa' t-tieni talba u tiddikjara l-konvenut dekadut mid-drittijiet kontemplati fl-art. 56 u 58 tal-Kodiċi Ċivili; tilqa' t-tielet talba billi tiddikjara xolta mil-lum il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, u tawtorizza lill-attriċi tagħmel l-atti-jiet kollha tal-ħajja ċivili mingħajr il-kunsens, l-awtorizzazzjoni jew l-intervent ta' żewġha; tilqa' r-raba' talba billi tafda lill-attriċi l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri Edward, u tiċħadha in kwantu tirrigwarda l-kura u l-kustodja tat-tifla Lourdes, billi irriżulta illi dina hija maġġorenni; B'dana li l-konvenut ikun jista' jara l-istess tifel Edward, darba fil-ġimgħa, kull nhar ta' Sibt, mit-3 sal-5 p.m., f'post fejn jiġi miftiehem bejn il-partijiet, salva li dina l-Qorti tiġi adita b'rikors separat jekk u kemm il-darba l-kontendenti ma jirnexxilhomx jiftehmu fuq

dan il-post.

L-ispejjeż iħallashom il-konvenut.